MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2006

Numru. 117/2004

**Il-Pulizija**

**Spettur Antonello Grech**

**V**

**PETER PAUL GRECH**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PETER PAUL GRECH** bin Anthony u Josephine nee Cardona imwieled nhar d-disgha ta' Dicembru 1945 u residenti 'Guspet' Triq l-Isqof M.F. Buttigieg, Nadur, Ghawdex detentur tal-karta tal-identita numru 100545G, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tletin ta' Awissu 2003 ghal habta tat-tlieta neqsin kwart ta' wara nofsinhar fi Triq Borg Gharib, Ghajnsielem saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBH 073:

1. b'manjiera traskurata;

2. b'manjiera perikoluza;

3. talli b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma vettura bin-numru ta’ registrazzjoni CAD 643 w involuntarjament kkagunalha hsara ghad-dannu ta’ Alvin Buttigieg minn Ghajnsielem;

4. talli kkaguna girehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta’ Alvin Buttigieg minn Ghajnsielem, Ghawdex, skond ma ccertifika Doctor Ian Galea MD fl-isptar Generali ta’ Ghawdex.

Il-Qorti giet wkoll mitluba li f’kaz ta’ htija u barra l-piena stabbilita mill-ligi, timpedixxi lil imsemmi Peter Paul Grech milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien li jidhrilha xieraq.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b’nmod voluntarju.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti.

Ikkunsidrat:

**Illi nhar l-hamsa ta’ Awissu 2004 xehed PS 1233** fejn qal li nhar t-tletin ta’ Awissu 2003, ghal habta tas-saghtejn u nofs neqsin hamsa ta’ wara nofsinhar gie rappurtat lilu li fi Triq Borg Gharib, Ghajnsielem, kien hemm kollizzjoni bejn vettura bin-numru ta’ registrazzjoni EBH 075 misjuqa mill-imputat u vettura bin-numru ta’ registrazzjoni CAD 643 misjuqa minn Alvin Buttigieg. Huwa mar fuq il-post u beda jinvestiga l-kollizzjoni.

Huwa spjega li mill-investigazzjoni preliminari mizmuma minnu, rrizulta li Alvin Buttigieg kien ghaddej minn triq principali u cioe minn Triq Borg Gharib, sejjer lejn il-Qala u habat mal-imputat li kien hiereg minn triq sekondarja nizel minn Nadur u hareg ghal fuq Triq Borg Gharib. L-imputat halla *brake marks* ta’ erbgha w ghoxrin metru qabel l-impatt u hmistax il-metru wara li skidja. Irrizulta wkoll li mad-daqqa, l-vettura ta’ Grech, l-allegata vittma daret lura. Bhala rizultat ta’ dan l-incident, Josephine Grech u

Alvin Buttigieg u l-imputat stess sofrew griehi ta' natura hafifa u l-vettura tal-imputat u ta' Alvin Buttigieg kellhom hsara estensivi fuqhom.

L-Ufficjal tal-Pulizija kellem liz-zewg sewwieqa u dawn qalulu a tempo vergine tal-investigazzjoni s-segwenti. Is-sewwieq tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EBH 075 u cioe l-imputat qallu li kien ra lil Alvin Buttigieg gej mill-boghod izda dan nonostante iddecida li johrog minn fuq l-i*stop sign* li hemm ghaliex haseb li jkellu bizzejjed hin izda meta hareg mit-triq sekondarja, l-imputat dahal fih u ma jiftakar xejn aktar.

Alvin Buttigieg minn naha l-ohra qallu li waqt li kien qed isuq bi *speed* moderat u wasal fil-*cross road*, innota vettura wieqfa 'l barra mill-i*stop sign* fit-triq principali li taghti ghan Nadur. Huwa daqq l-*horn* biex jaghmel sinjal lis-sewwieq tal-istess vettura u cioe lil impuat biex ma jsuqx 'l quddiem peress li setgha jimblukkawlu t-triq u hekk kif kien qed isuq quddiem din il-vettura, l-imputat saq il-quddiem u laqtu fuq ix-xellug tal-vettura tieghu u b'hekk baqa sejjer ghal gol hajt fuq in-naha tal-lemin.

L-ufficjal tal-pulizija kellem ukoll lil Josephine Grech li kienet passiggiera mal-imputat u din qaltlu li kull ma tiftakar kien li qalghu daqqa, daru dawra pero ma tafx kif spiccaw fejn spiccaw.

Illi nhar l-hamsa ta'Awissu 2004 **xehdet Josephine Grech** l-Qorti u donnha ftakret aktar milli fil-fatt kienet qalet lil ufficjal tal-pulizija a tempo vergine tal-investigazzjoni. Stqarret li hija kienet riekba mal-imputat u rat lil Alvin Buttigieg gej mill-boghod. Qalet li hu kien xi mija u hamsin metru boghod. Huma hargu ghal fuq t-triq principali u Alvin Buttigieg baqa diehel fihom. Qalet li kienu diga hargu fit-triq principali u li kienu fuq il-karreggjata taghhom, jharsu lejn r-Rabat. Qalet wkoll li d-daqqa kienet wahda frontali fuq in-naha taghha tat-triq. Ikkonfermat li qabel ma hargu ghal fuq t-triq principali, l-imputat waqaf 'l barra mill-i*stop sign* sabiex jara x'vetturi kien hemm u kien f'dak il-hin li raw lil Alvin Buttigieg.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Ottubru 2004 **xehed Louis Portelli** rappresentant tar-Roads Department fejn qal li f'Awissu 2003, d-dipartiment tat-toroq ma biddel ebda mera miksura fil-kantuniera bejn Triq Borg Gharib u Triq l-Imgarr. Ikkonferma li f'dik il-kantuniera proprju fil-kisra fejn sehh l-incident, hemm tlett mirja. Ix-xhud ma setghax jikkonferma jekk il-mera f'tarf t-triq kienetx miksura jew le.

Illi permezz ta' **affidavit ta' Doctor Ian Galea** datat hamsa ta' Jannar 2005, li ma gie kontradett minn hadd, Alvin Buttigieg kellu feriti ta' natura hfief ghaliex kellu ugigh f'gembu fuq in-naha tax-xellug waqt li permezz ta' affidavit datat erbatax ta' Frar 2006, rilaxxjat mill-istess tabib Doctor Ian Galea, jirrizulta li l-imputat kellu ugigh fi spalltu, f'sidru u f'siequ tan-naha tal-lemin, kagun tal-incident awtomobilistiku li sehh nhar t-tletin ta' Awissu 2003, u l-feriti tieghu wkoll kienu ta' natura hafifa.

Illi nhar s-sittax ta' Frar 2006 **xehed Alvin Buttigieg** fejn ikkonferma dak li kien qal lil ufficjal tal-pulizija dakinhar tal-incident u cioe li kien ghaddej mit-triq principali u ra lil imputat wieqaf 'l barra minn *stop sign* f'tarf triq sekondarja. Qal li hu rah meta kien xi erbghin pied boghod minnu, paqpaq il-*horn* bl-isperanza li l-imputat ma johroglux pero dan nonostante, l-imputat hareg ghal gharrieda, dahal fih w imbuttah mal-hajt tal-faccata tieghu. Qal li l-hsara li kellu fuq ix-xellug tal-vettura tieghu u proprju fuq r-roti ta' quddiem u fuq il-pilastru kienu rizultat tad-daqqa li tah l-imputat, filwaqt li l-hsara li kellu fuq wara tal-vettura gew kagjonati bil-hajt meta l-imputat imbuttah fuq il-karraggjata zbaljata tieghu. Ix-xhud ikkonferma li l-mera ta' fuq l-*istop sign*, minn fejn hareg l-imputat, mhux veru kienet miksura dakinhar tal-incident. Ikkonferma li l-imputat hareg mit-triq sekondarja ghal fuqu meta kien wasal ma gembu.

Illi nhar s-sittax ta' Frar 2006 **xehed l-imputat minn jeddu** fejn spjega kif fil-fehma tieghu sehh l-incident in kwistjoni. Ix-xhud qal li verament kien wieqaf 'l barra minn fuq *stop sign* gewwa triq principali minn fejn kien gej Alvin Buttigieg. Qal wkoll li ghamel hekk sabiex ikollu vista cara ghaliex il-mera li kien hemm imwahhla fil-kantuniera tat-

triq, kienet miksura. Stqarr li lil Alvin Buttigieg rah gej minn distanza ta' xi mija u hamsin metru. Dan nonostante, haseb li setgha jiskappah u fil-fatt ittanta johrog u jaqsam l-karreggjata li fuqha kien ghaddej Alvin Buttigieg biex jigi fid-direzzjoni opposta tas-sewwieq Alvin Buttigieg. Gara pero li l-appena gie fit-triq, Alvin Buttigieg baqa diehel go fih b'mod frontali u bid-daqqa spicca dar u spicca fuq il-karregjata zbaljata.

Ikkunsidrat:

Illi huwa assjamatiku li minn jigi fuq *stop sign*, irid jieqaf u jibqa wieqaf sakemm ikun *safe* li jista johrog u jipprocedi. L-ezercizzju tal-waqfien fuq *stop sign* mhux wiehed akkademiku li jinvolvi li wiehed jieqaf biex ikun waqaf w imbaghad jistartja jew jingrana u jerga jipprocedi. Dan il-waqfien isir bi skop biex dak li jkun ikollu c-cans kollu jesplora t-triq li jkun diehel fuqha u jekk hemm bzonn, jaghti d-dritta lit-traffiku li jkun gej fuq dik t-triq l-ohra. Dawn huma l-prekawzjonijiet li kull sewwieq irid jiehu qabel ma jidhol fuq triq principali hemm jew ma hemmx *stop sign*.

Il-presenza tal-i*stop sign*, hija ntiza biex tnehhi kull dubbju dwar precedenza u tfakkar lis-sewwieq bl-obbligu tieghu ta' prudenza meta tigi biex minn triq sekondarja, johrog ghal fuq triq principali. L-obbligu li jieqaf fuq *stop sign* ma jigix osservat biss b'waqfien momentarju u fuggittiv, imma bil-waqfien duratur, ghal kemm ikun hemm bzonn u sakemm traffiku li jkun ghaddej fuq t-triq principali miz-zewg nahat, jilhaq jghaddi.

F'dawn ic-cirkostanzi, l-imputat zgur li ma osservax dak li hemm stipulat fir-regolamenti 71, 76, u 82 tal-Motor Vehicle Regulations li ghal precizjoni jinghad li jinsabu fl-Avviz Legali numru 128 tas-sena 1994.

Illi pero wiehed irid jara jekk s-sewqan tal-imputat kienx tali li jammonta ghal sewqan traskurat u perikoluz wkoll.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghall-zewg sentenzi moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hdax ta'***

***April 2002*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Dominic Fenech** w **Il-Pulizija v Anthony Degabriele** fejn gie trattat il-punt li:

"*It-through road dejjem ghandha precedenza fuq il-branch road."*

Ir-**regolament 64 tal-Motor Highway Code** jghid li:

"*Major road is one where all traffic going over it has the right of way and traffic on all other roads, converging into it, shall give way to that on the road referred to above, provided however that the driver of any motor vehicle, whether on a major or minor road, shall at all times exercise due care and shall take all necessary precaution at any road junction.*

Ir-**Regolament 68 jipprovdi** li:

*"The driver of a motor vehicle proceeding from a minor into a major road, is to give way to traffic on its major road."*

Ma jridtx jintesa li fil-**Highway Code** hemm din r-regola:

"*Proceed with special care when coming from a minor road into a major road and give way to traffic on the major road. Unless you have a clear view of the major road in both directions, stop just before entering the carriage way of the major road.*"

Huwa minnu li l-Highway Code mhux ligi izda zgur li huwa a *standard of conduct for the road*; eppure id-disposizzjonijiet tieghu huma accettati kemm fid-dottrina kif wkoll fil-Qrati u hawn Malta dejjem gew segwiti.

Ghalhekk fis-sistema Malti, is-*side road user* ghandu l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-*main road*, ghandu l-obbligu li jesplora tajjeb il-*main road* qabel ma johrog fiha, ghandu l-obbligu li jimxi *dead slow* u sahansitra jwaqqaf biex u sakemm jaccerta ruhu li jista johrog bla hsara, u l-*main road user* wkoll ghandu joqghod attent ghas-*side road user* imma l-grad ta' diligenza li tinkombi lilu hu ferm

inqas ghaliex hu ma jkunx qed jiddisturba l-kors tat-traffiku imma jkun miexi fuq triq dritta, u hu ghalhekk li l-grad ta’ diligenza ta’ *side road user* hu ghola minn dik ta’ *main road user* ghaliex il-kaz tieghu hu kalkolat li jiddisturba l-influs ordinarju ta’ traffiku fuq t-triq.

Illi ghalhekk kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hdax ta' Novembru 1960*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Nazzareno Borg,** s-*side road user* ghandu dritt li jaqsam ghal go *main road* meta bid-debita prudenza, ikun accerta ruhu li din hi libera.

Gie wkoll ritenut fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Giuseppe Galdes** [***Vol XXXVII pagna 1108***], li s-*side road user* irid jidhol go *main road* bla ma jiehu riskji li sewwieq prudenti ma jiehux.

Issa f’dan il-kaz jirrizulta mhux li l-imputat ma rax lil Alvin Buttigieg gej, <u>izda</u> li rah fid-distanza u dan nonostante, deherlu li kellu johrog jimblukkalu t-triq minflok ma qaghad jistennih jghaddi w ghalhekk gie li ma hax *a proper lookout* qabel ma ghamel il-manuvra li jghamel u ghalhekk a bazi ta’ dak li gie deciz fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sittax ta' Marzu 1961*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Gaetano Schembri,** is-sewwieq u cioe l-imputat, ghandu jwiegeb ghal agir tieghu ndipendentement minn dak li jaghmel sewwieq iehor. [vide ukoll **Il-Pulizija v John Polidano** nhar ***t-tlieta ta' Novembru 1963*** mill-***Qorti tal-Appell Kriminali***].

Illi ma hemmx dubbju li <u>s-sewqan tal-imputat kien wiehed negligenti u perikoluz ghall-ahhar u kien l-kagun tal-incident in dezamina</u>.

**Ghalhekk, il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 u l-artikolu 221(1) u 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputat PETER PAUL GRECH hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal hlas ta’ multa komplessiva ta' sittin [60] lira maltin.**

**Oltre dan, tordna l-iskwalifika tal-licenzja tal-imputat ghal perjodu ta' tlett xhur mill-lum ai termini tal-artikolu 15(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta li hu mandatarju bhala l-inqas terminu ta’sospenzjoni li jista jinghata meta jirrizulta r-reat ta’ sewqan perikoluz, kif irrizulta f’dan il-kaz.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------